MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 830/2008

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Clayton Falzon**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta’ attrici li ppremettiet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta’ disa’ mija u hmistax-il Euro u wiehed u sittin centezmu (€915.61), liema somma tirrapprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skont *client contact number* 1018437 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ April, 2008, dawk tal-mandat ta’ sekwestru, ipprezentat kontestwalment ma’ dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut illi eccepixxa illi m'huwiex responsabbli ihallas ebda ammont favur is-socjeta' attrici, liema ammont reklamat mill-istess socjeta' *in ogni caso* huwa eccessiv.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

Ra x-xhieda tal-PL. Peter Sammut, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont kien ghadu dovut u ma kien sar l-ebda pagament.

Il-kawza kienet thalliet diversi drabi, sabiex il-konvenut jipproduci x-xhieda tieghu, izda kemm-il darba pprezenta r-risposta tieghu, baqa' ma ressaq l-ebda provi, minkejja li nghata diversi opportunitajiet biex jaghmel dan.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjes u l-imghax mill-1 ta' Dicembru. 2007 sal-31 ta' Dicembru, 2008.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------